

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

18.2.2009

0013/2009

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

impressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Maria Petre, Joseph Daul, Tunne Kelam, Theodor Dumitru Stolojan u  
Marian-Jean Marinescu

dwar it-tħarrik kontra l-programmi tal-kanal tat-televiżjoni PRO TV, fil-  
Moldavja

Data ta' skadenza: 7.5.2009

0013/2009

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-tħarrik kontra l-programmi tal-kanal tat-televiżjoni PRO TV, fil-Moldavja**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, iffirmata u pproklamata fis-7 ta' Diċembru 2000, li tiddefendi l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija u tar-rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-libertajiet fundamentali u tal-istat tad-Dritt, u hija definita bihom,
- B. billi l-libertà tal-espressjoni, partikolarment dik tal-midja, inkluż l-Internet, tinsab spiss f'periklu kbir fil-Moldavja,
- C. billi l-PRO TV tikkostitwixxi wieħed mill-ftit kanali tat-televiżjoni indipendenti li ilu jittrasmetti fil-Moldavja mill-1998,
1. Jagħmel pressjoni fuq il-gvern tal-Moldavja u fuq il-Kunsill Koordinatur tal-Awdjoviżiv ta' Chisinau sabiex, hekk kif previst mil-liġi, iġeddu l-liċenzja tal-PRO TV fil-Moldavja;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-miżuri neċessarji biex jirrimedjaw għal dan l-abbuż fil-kuntest tan-negozjati ta' ftehim għdida ta' sħubija bejn l-UE u l-Moldavja, sabiex jiġi appoġġjat l-aċċess għall-informazzjoni għal miljuni ta' ċittadini Moldavi;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.